# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-15 ta' Settembru, 2016.**

**Rikors Numru 1214/2016 SM**

**Dr Irene Bonello**
**(I.D. 519864 M)**

**vs.**

**Awtorita` ta' Malta ghall-Kompetizzjoni**
**u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat it-22 t'Awwissu, 2016, (ara foll 1);

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari precedenti taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1 u 11), li permezz tieghu:

2.1. Iddikjarat li rat l-istess rikors guramentat promotur;

2.2. Akkoljiet it-talbiet tar-rikorrenti b'mod provizorju;

2.3. Ordnat in-notifika tal-istess lill-kontro-parti ghar-risposta;

2.4. Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-udjenza hemm indikata;

3. Rat ir-risposta tal-Awtorita` intimata datata l-1 ta' Settembru, 2016, (ara foll 13);

4. Rat id-dokumenti esebiti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi permezz tar-rikors guramentat promotur fuq indikat ir-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

6.1. Illi ghandha interess li tipprotegi d-drittijiet taghha u ghalhekk tixtieq izzomm lill-Awtorita` intimata milli tipprocedi ghall-hatra tad-Direttur in dizamina kif minnha indikat fl-istess rikors;

6.2. Illi l-vertenza indizamina taf l-bidu taghha wara sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-hatra ta' Direttur responsabbli mill-Ilmenti u Riconciljazzjoni fi hdan l-istess Awtorita`, (ara foll 5);

6.3. Illi s-sejha in dizamina inharget f'Awwissu, 2015;

6.4. Illi wara li ssottomettiet ruhha ghall-intervista rrizulta li ghaddiet mill-istess billi:

6.4.1. Zewg membri tal-Bord tal-Ghazla tawha marki ta' success;

6.4.2. Il-President tal-istess Bord ghamlet rapport minoritarju negattiv;

6.5. Illi l-applikazzjoni tar-rikorrenti giet ghalhekk rifjutata;

6.6. Illi r-rikorrenti ssosstni li kellha d-dritt li tiehu l-kariga avzata;

6.7. Illi l-Awtorita` ma zammet l-ebda riserva li tista` tirrifjuta l-applikazzjonijiet kollha u ma jintaghzel hadd;

6.8. Illi issa nharget sejha gdida ghall-applikazzjonijiet ghall-istess post, (ara foll 11);

6.9. Illi l-post ta' Direttur skont l-istess sejha precedenti mhux wiehed vaganti kif hemm fl-avviz ricenti;

6.10. Illi jekk jigu processati l-applikazzjonijiet il-godda r-rikorrenti ser issofri danni irreparabbli;

6.11. Illi ghalhekk jinhtieg li l-Awtorita` intimata tigi mizmuma milli tkompli tipprocedi bis-sejha ghall-applikazzjonijiet mahruga f'Awwissu, 2016, fuq riferita, (ara paragrafu numru sitta punt tmienja, (6.8.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

7.0. Illi l-Awtorita intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

7.1. Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta;

7.2. Illi hi awtorita` pubblika u kemm -il darba tintlaqgha t-talba tar-rikorrenti l-Awtorita` *de quo* tigi pregudikata b'mod sproporzjonat;

7.3. Illi jekk dan ikun il-kaz, tigi allura mfixkla l-organizzazzjoni u funzjoni pubblika li l-istess Awtorita` ghandha tirrispetta, u dan, bi pregudizzju serju ghad-

doveri li hi ghandha versu l-pubbliku u l-ligijiet li jirregolawha, inkluzi dawk id-doveri imposti fuqha mill-Unjoni Ewropeja;

7.4. Illi biex tintlaqa` t-talba tar-rikorrenti jinhtieg li jigu sodisfatti zewg rekwiziti;

7.4.1. Illi ghandha dritt in *prima facie*; u

7.4.2. Illi jekk isir dak minnha indikat issofri *pregudizzju irrimedjabbli*;

7.5. Illi hu r-rikorrenti li hu tenut jistabbilixxi dawn iz-zewg (2) rekwiziti, (ara ***Prim' Awla Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Carmelo sive Charles Scicluna vs. EneMalta plc et***, datat id-***29 ta' Mejju, 2015***;

7.6. Illi r-rikorrenti tonqos tidentifika s-sors legali li fuqha tibbaza t-talba taghha u l-bazi tal-jedd amministrattiv, kostituzzjonali u civili li fuqhom tistrieh;

7.7. Illi l-bazi tar-rikorrenti li hi kellha dritt li tigi impjegata meta sostniet li "... kellha jedd li tiehu l-kariga avzata..." hi ghal kollox erronea;

7.8. Illi ghalhekk il-jedd rikjamat mir-rikorrenti lanqas biss jilhaq il-limiti tat-test tal-*prima facie* peress li r-rikorrenti lanqas identifikat liema hu dan id-dritt minnha riferit;

7.9. Illi in effetti, r-rikorrenti m'ghandha l-ebda dritt assolut li tigi ngaggata fil-posizzjoni fuq indikata;

7.10. Illi l-awtorita` intimata hi vestita bis-setgha li taghmel hatriet b'diskrezzjoni assoluta – sakemm din ma tkunx diskriminatorja jew kontra l-ligi;

7.11. Illi in effetti:

7.11.1. La jezisti l-ebda dritt ta' ingagg; u

7.11.2. Lanqas jezisti l-ebda dritt ta' promozzjoni; (Ara ***Edward Falzon vs. Kummissarju tal-Pulizija***,

***Prim' Awla Qorti Civili***, datata l-***22 t'Ottubru, 2002***);

7.12. Illi li jezisti hu d-dritt li wiehed jikkontesta decizjoni kontaminata b'diskriminazzjoni, liema ipotesi lanqas biss qed tigi allegata, (ara ***Tribunal Industrijali***, fit-tilwima tax-xoghol fl-ismijiet ***L-Awtorita` tal-Ippjanar u l-Union Haddiema Maghqudin dwar il-promozzjoni tas-Sur Charles Debattista***, datata l-***21 ta' Mejju, 1999***);

7.13. Illi bl-azzjoni prezenti r-rikorrenti qed tittenta xxejjen id-diskrezzjoni legittima tal-Awtorita` intimata fl-ghazliet taghha meta tigi biex timpjega l-ufficjali taghha;

7.14. Illi l-ezercizzju evalwattiv tal-Awtorita` intimata ma jistghax jigi cirkoskritt minhabba d-dizappunt tar-rikorrenti ghall-ezitu negattiv riskontrat, (ara ***Marthese Azzopardi vs. Maltacom plc*** datata l-***11 t'Awwissu, 2000***);

7.15. Illi fil-kaz in dizamina l-Awtorita` intimata irtirat s-sejha taghha ghall-applikazzjoni in dizamina;

7.16. Illi ma jezisti l-ebda obbligu awtomatiku li jghid li gialadarba tohrog sejha ghall-applikazzjonijiet u jibda l-process evalwattiv taghha, l-awtorita` li tohrog tali sejha ghalhekkk marbuta li timpjega lil xi hadd;

7.17. Illi kull ma sar fl-ewwel sejha ghall-applikazzjonijiet kien li l-Awtorita` *de quo* stiednet lil dawk interessati biex jissottomettu l-applikazzjoni taghhom;

7.18. Illi minn hemm il-quddiem, l-ghazla kienet fid-diskrezzjoni assoluta tal-Awtorita` *de quo*;

7.19. Illi ma jirrizultax li nghatat xi forma ta' rabta li min japplika jinghata awtomatikament impjieg;

7.20. Illi *di fatti* gie istruit Bord tal-Ghazla biex jifli l-applikanti u jirraporta lura lill-Awtorita` rigward l-idoneita` tal-applikanti;

7.21. Illi wara tali skrutinju, wiehed mill-membri tal-Bord *de quo* esprima riservi ta' certa portata li mmilitaw kontra r-rikorrenti;

7.22. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma setghetx tigi ngaggata;

7.23. Illi billi wara din is-sejha ma nstab hadd li kien idoneu, ma ntghazel hadd u s-sejha giet irtirata;

7.24. Illi rinfaccata b'relazzjoni negattiva, l-Awtorita` intimata qatt ma setghet tinjora tali relazzjoni *stante* li kieku ghamlet hekk kienet tonqos mill-obbligi pubblici taghha;

7.25. Illi konsegwentement, id-diskrezzjoni kif hawn ezercitata mill-Awtorita` intimata hi wahda legali u korretta;

7.26. Illi ma tifhimx ghaliex qed isir tentattiv biex jitwaqqaf il-process inizzjat permezz tas-sejha ghall-applikazzjonijiet mahruga f'Awwissu, 2016;

7.27. Illi dan il-process indikat fil-paragrafu precedenti ma johloq l-ebda dannu irrimedjabbli lir-rikorrenti *stante* li l-istess rikorrenti hi libera li terga tapplika mill-gdid;

7.28. Illi dan hu possibbli meta fil-fatt ser ikun hemm Bord tal-Ghazla gdid kompost minn membri differenti min dawk precedenti;

7.29. Illi in vista tal-premess it-talba tar-rikorrenti hi:

7.29.1. Infondata fil-fatt u fid-dritt;

7.29.2. Ghandha tigi respinta; u

7.29.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

8.0. Illi mill-analizi tal-vertenza kif esposta mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, mit-trattazzjoni orali tal-istess, u mid-dokumenti esebiti, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

8.1. Illi fl-14 t'Awwissu, 2015, l-Awtorita` intimata ghamlet sejha ghall-applikazzjonijiet, ghall-kariga ta' Direttur,

hemm indikat, (ara foll 5), li r-rikorrenti pprezentat l-applikazzjoni taghha ghaliha;

8.2. Illi biex jevalwaw l-applikazzjonijiet ricevuti l-istess Awtorita` hatret Bord appozitu biex jintervista lill-applikanti u jistabbilixxi l-idoneita` taghhom ghall-kariga in dizamina;

8.3. Illi fir-rigward tar-rikorrenti, tnejn (2) mill-istess Bord intavolaw relazzjoni affermattiva, mentri t-tielet membru u president tal-istess Bord tal-Ghazla intavolat relazzjoni negattiva;

8.4. Illi *in effetti*, wara din is-sejha ghall-applikazzjonijiet il-Bord, jidher li ma rrakkomanda lil hadd mill-applikanti ghal kariga in dizamina;

8.5. Illi f'Awwissu, 2016, l-istess Awtorita` regghet effettwat sejha ohra ghall-applikazzjonijiet ghall-istess kariga li kienet giet ezaminata qabel;

Ikkunsidrat:

9. Illi r-rikorrenti qeghda ssosstni li gialadarba applikat fl-ewwel sejha u kellha ezitu posittiv minn zewg (2) membri minn tlieta (3) tal-Bord *de quo* allura hi:

"... ghandha l-jedd li tiehu l-kariga avzata" (ara foll 1);

10. Illi ghalhekk intavolat il-procedura odjerna biex tistieden lill-qorti odjerna twaqqaf il-process tal-ghazla ghall-kariga in dizamina inizzjat mill-gdid bis-sejha ghall-applikazzjonijiet li saret f'Awwissu, 2016;

Ikkunsidrat:

11. Illi ghandu jkun pacifiku li sejha ghall-applikazzjoni hi biss proprju dak li hi – sejha biex wiehed japplika biex b'hekk l-applikazzjoni tieghu tkun konsidrata fil-mertu minn min hu dovut;

12. Illi sottomissjoni ta' applikazzjoni mhix ekwivalenti ghal ghoti tal-karigu li wiehed japplika ghaliha;

13. Illi l-ghoti tal-kariga hi l-prerogattiva ta' min johrog is-sejha u mhux ta' min japplika u jissottometti ruhhu ghas-sejha li tkun saret;

14. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma jirrizultax li *prima facie* ghandha xi dritt kwezit fil-konfront tal-kariga in dizamina *stante* li l-ghazla ghall-assenjazzjoni tal-istess kariga tispetta biss lill-Awtorita` intimata li tagixxi fir-rigward fuq l-indikazzjonijiet lilha moghtija mill-Bord appozitament imwaqqaf ghal dan il-ghan;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi in vista tal-premess tirrileva sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq riferit jkun pacifiku li l-iskop tal-procedura odjerna hu li jinterdixxi lill-intimat li jkun milli b'xi mod, ikun li jkun, jaghmel xi haga fil-konfront tar-rikorrenti li tista` tirrekalu l-hsara minnu indikata fir-rikors guramentat promotur;

15.2. Illi biex dan l-iskop jintlahaq b'mod legittimu jinhtieg is-segwenti:

15.2.1. Illi r-rikorrenti trid turi li l-mandat minnha rikjest hu necessarju biex jittutela d-drittijiet legittimi taghha;

15.2.2. Illi jkun ukoll jidher li r-rikorrenti ghandha dawk id-drittijiet minnha vantati tal-anqas fil-livell ta' *prima facie*, (ara ***Sammut vs. Sammut, Prim' Awla Qorti Civili***, datata l-***5 ta' Gunju, 2003***;

Ikkunsidrat:

16. Illi biex tali procedura tirnexxi r-rikorrenti trid tipprova li bl-azzjoni tal-intimat in dizamina hi tkun ser tbaghti pregudizzju, (ara ***Grech proprio et nomine vs. Manfre`, Qorti tal-Appell***,

datata l-***14 ta' Lulju, 1988, Vol. LXXII. II. p. 290***, u ***40, Main Street, Catering Establishment Limited vs.*** **l-Awtorita`** ***tal-*****Ippjanar**, datata t-***2 ta' Novembru, 2010***);

17. Illi *di piu`*, iz-zewg (2) rekwiziti fuq elenkati, (ara paragrafu numru hmistax punt tnejn (15.2.), aktar qabel), ghandhom ikunu kkonsidrati kumulattivament u mhux alternattivament;

18. Illi ghalhekk, ghandu jkun pacifiku li jekk xi wiehed mill-istess rekwiziti fuq elenkati ma jirrizultax ipprovat, it-talba tar-rikorrenti lanjanti ma tkunx tista` tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

19. Illi kif fuq gia` gie stabbilit, (ara paragrafu numru erbatax, (14.), aktar qabel), ir-rikorrenti m'ghandha l-ebda dritt fil-konfront tal-Awtorita` intimata ghal dak li jirrigwarda l-ghazla in dizamina;

20. Illi konsegwentement l-istess rikorrenti ma tissodisfax ir-rekwiziti imposti mill-artiklu 873 tal-Kap 12 in dizamina fuq elenkati;

21. Illi ghalhekk, hi l-fehma ta' din il-qorti li r-rikorrenti naqset li tipprova t-talbiet taghha skont il-ligi fil-livell tal-*prima facie* kif fuq stabbilit, u konsegwentement:

**DECIDE:**

21.1. Takkolji r-risposti tal-Awtorita` intimata kif fuq elenkati;

21.2. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

21.3. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet preliminari taghha datat it-22 t'Awwissu, 2016;

21.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**